**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 12 ta` April 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**TAREK KHODIR**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, Tarek Khodir** detentur tal-karta tal-identita numru 17395M**,** gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Gunju 2012 ghall-habta tal-16:00hrs gewwa ta' Xbiex;

1. Bi hsieb li tikkawza feriti ta' natura serja fuq il-persuna ta' Samuel Camilleri, urejt dan b'atti esterni billi hebbejt ghall-istess Camilleri b'oggett tal-hgieg u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien imwaqqaf minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek;

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hebbejt ghal Samuel Camilleri u kkagunajtlu feriti ta' natura hafifa skond certifikat minn Dr. Marcel Schembri MD. ta' Floriana Health Centre Art. 221 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi heddidt lil Samuel Camilleri jew jekk kont ipprovokat, ingurjajtu b’mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Art. 339e tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebbejt ghal Samuel Camilleri sabiex tingurjah u/jew taghmillu hsara u dan bi ksur ta’ Art. 339 (d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ksirt volontarjament il-bon ordni u kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-Art.339(e) tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

6. U wkoll talli fl-istess cirkostanzi sirt recidiv skond sentenza mghotija lilek minn Magt. M.Hayman nhar it-18 ta’ Mejju 2012 liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Samuel Camilleri jew sabiex jinzammi il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus u dan skond Art. 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-7 ta` Novembru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 11);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal ta` llum stess;

Rat li, fl-udjenza ta’ llum 12 ta’ April 2016, saret l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel imputazzjoni, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-PIRS report 6/M/1303/2012, u d-depozizzjoni ta` Samuel Camilleri (ara *a folio* 34 *et seq*), l-Qorti tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in linea mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma in atti mid-difiza – riferibbilment ghall-kontravvenzjonijiet migjuba fit-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet – din il-Qorti rat id-dati relevanti, u cioe` - li l-allegati infrazzjonijiet sehhew fl-24 ta` Gunju 2012, filwaqt li l-att inizzjali li ta bidu ghall-kompilazzjoni odjerna gie pprezentat fit-13 ta` Novembru 2012. L-imputat ghalhekk jidher car li gie notifikat ghall-ewwel darba, barra t-terminu ta` t-tlett xhur.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti rat li fl-atti tirrizulta b'mod inekwivoku (ara l-verbal tal-15/04/2014 *a folio* 19 u d-depozizzjoni ta` Samuel Camilleri *a folio* 34 *et seq*) ir-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti ta` Samuel Camilleri.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat *inter alia*, l-ammissjoni ta` l-imputat, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza; kif ukoll ir-rinunzja da parti ta` Samuel Camilleri.

Dwar is-sitt 'imputazzjoni' (in effetti di ma hijiex imputazzjoni), l-Qorti tirrileva li fil-konfront ta` l-imputat effettivament ma tapplikax ir-recidiva, f'dan il-kaz, stante li s-sentenza msemmija tat-18/05/2012 ma hijiex kundanna.

**Konkluzjoni**.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31(1)(b), 41(1), 49, 50, 216, 217, 221(1), u 339(e)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Tarek Khodir** (1) mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante rinunzja, (2) mhux hati tat-tielet, tar-raba u tal-hames imputazzjonijiet stante li dawn huma lkoll kolpiti bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, (3) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni stante li ma jezistux l-estremi ghall-applikazzjoni tar-recidiva, u (4) hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess **Tarek Khodir** bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil **Tarek Khodir** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur